Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0371(COD)

18.3.2024

EMENDI7 - 134

Abbozz ta' rapport
Matjaž Nemec
(PE759.070v01-00)

Emenda tar-Regolament (UE) 2018/1806 fir-rigward tar-reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni

Proposta għal regolament
(COM(2023)0642 – C9-0392/2023 – 2023/0371(COD))

Emenda 7
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-ivvjaġġar mingħajr viża jġib miegħu benefiċċji sinifikanti kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-pajjiżi terzi bl-istess mod. Ir-relazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali ma' pajjiżi terzi joħolqu prosperità u jistabbilixxu l-Unjoni bħala assoċjazzjoni miftuħa u ħielsa. Il-politika komuni tal-Unjoni dwar il-viżi, f'dan ir-rigward, hija pedament tal-impenn tagħha mal-pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 8
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Fl-istess ħin, il-kuntest ġeopolitiku li qed jevolvi ġab miegħu sfidi ġodda marbuta ma' vvjaġġar mingħajr viża. L-abbuż tal-ivvjaġġar mingħajr viża lejn l-UE u r-riskji għas-sigurtà li jirriżultaw minn dan jirrikjedu rispons malajr u adegwat. Huwa imperattiv li l-Unjoni tkun attrezzata biex tindirizza dawn l-isfidi kif xieraq.

Or. en

Emenda 9
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-mekkaniżmu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 ("il-mekkaniżmu ta' sospensjoni") jenħtieġ li jissaħħaħ biex l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha salvagwardja aktar effiċjenti mmirata lejn il-prevenzjoni ta' firxa usa' ta' riskji ta' migrazzjoni irregolari, għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà li jirriżultaw mill-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness II, kif ukoll ta' abbuż mill-eżenzjoni mill-viża permezz tat-tħaddim ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment minn dawk il-pajjiżi terzi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 10
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-mekkaniżmu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 ("il-mekkaniżmu ta' sospensjoni") jenħtieġ li jissaħħaħ biex l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha salvagwardja aktar effiċjenti mmirata lejn il-prevenzjoni ta' firxa usa' ta' riskji ta' migrazzjoni irregolari, għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà li jirriżultaw mill-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness II, ***kif ukoll ta' abbuż*** mill-eżenzjoni mill-viża permezz tat-tħaddim ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment minn dawk il-pajjiżi terzi.	(2) ***Għal din ir-raġuni,*** il-mekkaniżmu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 ("il-mekkaniżmu ta' sospensjoni") jenħtieġ li jissaħħaħ biex l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha salvagwardja aktar effiċjenti mmirata lejn il-prevenzjoni ta' firxa usa' ta' riskji ta' migrazzjoni irregolari, għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà li jirriżultaw mill-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness II, ***jew l-abbuż*** mill-eżenzjoni mill-viża permezz tat-tħaddim ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment minn dawk il-pajjiżi terzi***, u bħala għodda diplomatika wara deterjorament qawwi tar-relazzjonijiet***

esterni mal-pajjiżi terzi rilevanti.

Or. en

Emenda 11
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-mekkaniżmu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 ("il-mekkaniżmu ta' sospensjoni") jenħtieġ li jissaħħaħ biex l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha salvagwardja aktar effiċjenti mmirata lejn il-prevenzjoni ***ta' firxa usa' ta' riskji ta' migrazzjoni irregolari, għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà li jirriżultaw mill-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness II, kif ukoll ta' abbuż*** mill-eżenzjoni mill-viża permezz tat-tħaddim ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment minn dawk il-pajjiżi terzi.	(2) Il-mekkaniżmu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 ("il-mekkaniżmu ta' sospensjoni") jenħtieġ li jissaħħaħ biex l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha salvagwardja aktar effiċjenti mmirata lejn il-prevenzjoni ***tal-abbuż*** mill-eżenzjoni mill-viża permezz tat-tħaddim ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment minn dawk il-pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 12
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni fil-każ ta' ksur serju minn pajjiż terz tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jew fil-każ ta' ksur gravi tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew mid-dritt umanitarju internazzjonali, filwaqt li

jitqiesu l-prinċipji li għandhom jiggwidaw l-azzjonijiet esterni tal-UE kif stipulat fl-Artikolu 21(1).

Or. en

Emenda 13
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) B'mod partikolari, l-użu tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni jenħtieġ li jiġi ffaċilitat billi jiġu estiżi r-raġunijiet possibbli għas-sospensjoni, ***jiġu adattati l-limiti u l-proċeduri rilevanti,*** u jissaħħu l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-Kummissjoni.	(3) B'mod partikolari, l-użu tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni jenħtieġ li jiġi ffaċilitat billi jiġu estiżi r-raġunijiet possibbli għas-sospensjoni, u jissaħħu l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-Kummissjoni. ***Barra minn hekk, il-Kummissjoni jeħtiġilha tivvaluta l-impatt tal-miżura proposta abbażi tal-prinċipju tar-reċiproċità tal-viża li b'mod ġenerali huwa prinċipju tal-politika tal-UE dwar il-viżi.***

Or. en

Emenda 14
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) B'mod partikolari, ***l-użu*** tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni jenħtieġ li ***jiġi ffaċilitat billi jiġu estiżi r-raġunijiet possibbli għas-sospensjoni, jiġu adattati*** l-limiti u l-proċeduri rilevanti, u jissaħħu l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-Kummissjoni.	(3) B'mod partikolari, ***il-kriterji għall-iskattar tal-użu*** tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni jenħtieġ li ***jiġu kkjarifikati, filwaqt li*** l-limiti u l-proċeduri rilevanti ***jsiru aktar preċiżi***, u jissaħħu l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 15
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) B'mod partikolari, l-użu tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni jenħtieġ li jiġi ffaċilitat billi jiġu estiżi r-raġunijiet possibbli għas-sospensjoni, jiġu adattati ***l-limiti u*** l-proċeduri rilevanti, u jissaħħu l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-Kummissjoni.	(3) B'mod partikolari, l-użu tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni jenħtieġ li jiġi ffaċilitat billi jiġu estiżi r-raġunijiet possibbli għas-sospensjoni, jiġu adattati l-proċeduri rilevanti, u jissaħħu l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 16
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Meta l-Kummissjoni tqis li tissospendi l-eżenzjoni mill-viża jew fil-każijiet skont notifika minn Stat Membru, il-valutazzjoni tagħha jenħtieġ li tqis l-impatt potenzjali tas-sospensjoni fuq iċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 17
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni kkonkludiet għadd ta' ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal	***imħassar***

soġġorn qasir ma' pajjiżi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 li jistgħu jinkludu raġunijiet differenti għal sospensjoni jew proċeduri differenti minn dawk stabbiliti fil-mekkaniżmu ta' sospensjoni, u fil-ġejjieni jaf tikkonkludi aktar ftehimiet ta' din ix-xorta. Peress li l-Unjoni tirrispetta l-ftehimiet internazzjonali u, għalhekk, hija marbuta b'dawn il-ftehimiet, id-dispożizzjonijiet differenti rilevanti stabbiliti f'dawk il-ftehimiet jenħtieġ li jiġu applikati minflok id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni.

Or. en

Emenda 18
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni kkonkludiet għadd ta' ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ma' pajjiżi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 li jistgħu jinkludu raġunijiet differenti għal sospensjoni jew proċeduri differenti minn dawk stabbiliti fil-mekkaniżmu ta' sospensjoni***, u fil-ġejjieni jaf tikkonkludi aktar ftehimiet ta' din ix-xorta. Peress li l-Unjoni tirrispetta l-ftehimiet internazzjonali u, għalhekk, hija marbuta b'dawn il-ftehimiet, id-dispożizzjonijiet differenti rilevanti stabbiliti*** f'dawk il-ftehimiet jenħtieġ li ***jiġu applikati minflok id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-mekkaniżmu*** ta' sospensjoni.	(4) L-Unjoni kkonkludiet għadd ta' ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ma' pajjiżi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 li jistgħu jinkludu raġunijiet differenti għal sospensjoni jew proċeduri differenti minn dawk stabbiliti fil-mekkaniżmu ta' sospensjoni. ***Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Unjoni li tissospendi s-sistema ta' vvjaġġar mingħajr viża, anke fil-livell tad-dritt tal-Unjoni, u għalhekk ir-raġunijiet rilevanti għas-sospensjoni*** f'dawk il-ftehimiet jenħtieġ li ***jiġu pprovduti fil-mekkaniżmu*** ta' sospensjoni. ***Madankollu, l-użu tar-raġunijiet għas-sospensjoni stabbiliti fil-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir jenħtieġ li jkun limitat għall-kamp ta' applikazzjoni ta' tali ftehimiet.***

Or. en

Emenda 19
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-mekkaniżmu ta' sospensjoni jenħtieġ li jiżgura salvagwardja kontra t-theddid għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà pubblika. Dan jinkludi riskji immedjati għas-sigurtà interna tal-Unjoni, bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, iċ-ċiberattakki u t-traffikar tal-bnedmin, tad-drogi u tal-armi. Fir-rigward tad-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna, jenħtieġ li jitqiesu l-prijoritajiet identifikati mill-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT).

Or. en

Emenda 20
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tipproponi kwalunkwe bidla meħtieġa fil-qafas legali tal-Unjoni u miżuri konkreti biex jiġi żgurat rispons immedjat u xieraq għat-theddid ibridu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' riskji jew theddid għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri li jirriżultaw minn theddid ibridu bħal sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti sponsorjata mill-istat bl-għan li	***imħassar***

jiddestabbilizzaw jew jimminaw is-soċjetà u l-istituzzjonijiet ewlenin.

Or. en

Emenda 21
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tipproponi kwalunkwe bidla meħtieġa fil-qafas legali tal-Unjoni u miżuri konkreti biex jiġi żgurat rispons immedjat u xieraq għat-theddid ibridu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' riskji jew theddid għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri li jirriżultaw minn theddid ibridu bħal sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti sponsorjata mill-istat bl-għan li jiddestabbilizzaw jew jimminaw is-soċjetà u l-istituzzjonijiet ewlenin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 22
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tipproponi kwalunkwe bidla meħtieġa fil-qafas legali tal-Unjoni u	(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tipproponi kwalunkwe bidla meħtieġa fil-qafas legali tal-Unjoni u

miżuri konkreti biex jiġi żgurat rispons immedjat u xieraq għat-theddid ibridu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' riskji jew theddid għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri li jirriżultaw minn theddid ibridu bħal sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti sponsorjata mill-istat bl-għan li jiddestabbilizzaw jew jimminaw is-soċjetà u l-istituzzjonijiet ewlenin.	miżuri konkreti biex jiġi żgurat rispons immedjat u xieraq għat-theddid ibridu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' riskji jew theddid għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri li jirriżultaw minn theddid ibridu bħal sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti sponsorjata mill-istat bl-għan li jiddestabbilizzaw jew jimminaw is-soċjetà u l-istituzzjonijiet ewlenin***, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4)(b), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament dwar il-Kriżijiet. Tali theddid għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna tal-Istati Membri li jirriżulta minn theddid ibridu jista' jkun relatat ukoll ma' ndħil barrani klandestin fil-proċessi politiċi, l-operazzjonijiet ċibernetiċi, u spjunaġġ ekonomiku.***
	Or. en

Emenda 23
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tipproponi kwalunkwe bidla meħtieġa fil-qafas legali tal-Unjoni u miżuri konkreti biex jiġi żgurat rispons immedjat u xieraq ***għat-theddid ibridu*** f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali. ***Għaldaqstant, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' riskji jew theddid għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri li jirriżultaw minn theddid ibridu bħal sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti sponsorjata mill-istat bl-għan li jiddestabbilizzaw jew jimminaw is-soċjetà***	(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tipproponi kwalunkwe bidla meħtieġa fil-qafas legali tal-Unjoni u miżuri konkreti biex jiġi żgurat rispons immedjat u xieraq ***għall-isfidi*** f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali.

u l-istituzzjonijiet ewlenin.

Or. en

Emenda 24
Malik Azmani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Huwa importanti wkoll li s-sigurtà tad-dokumenti tiġi osservata skont l-istandards tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni stabbiliet karatteristiċi ta' sigurtà avvanzata u rekwiżiti bijometriċi għad-dokumenti tal-ivvjaġġar. Tali miżuri jipprevjenu l-falsifikazzjoni u l-kontrafazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u jistabbilixxu rabta affidabbli bejn id-dokument u d-detentur tiegħu. Biex jiġu żgurati dokumenti tal-ivvjaġġar validi u affidabbli, il-pajjiżi elenkati fl-Anness II jenħtieġ li joħorġu d-dokumenti kif xieraq.

Or. en

Emenda 25
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment imħaddma minn pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 jippermettu vjaġġar mingħajr viża lejn l-Unjoni għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li altrimenti jkunu jeħtieġu viża. Taħt skema taċ-ċittadinanza b'investiment, iċ-ċittadinanza tingħata inkambju għal pagamenti jew investimenti predeterminati	(6) L-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment imħaddma minn pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 jippermettu vjaġġar mingħajr viża lejn l-Unjoni għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li altrimenti jkunu jeħtieġu viża. Taħt skema taċ-ċittadinanza b'investiment, iċ-ċittadinanza tingħata inkambju għal pagamenti jew investimenti predeterminati

mingħajr ebda rabta ġenwina mal-pajjiż terz ikkonċernat. Filwaqt li l-Unjoni tirrispetta d-dritt tal-pajjiżi sovrani li jiddeċiedu dwar il-proċeduri ta' naturalizzazzjoni tagħhom stess, jenħtieġ li l-pajjiżi terzi eżentati mill-ħtieġa tal-viża jiġu skoraġġuti milli jużaw l-aċċess mingħajr viża għall-Unjoni bħala għodda biex jinġieb investiment individwali inkambju għaċ-ċittadinanza tagħhom. Sabiex jiġi evitat li l-aċċess mingħajr viża għall-Unjoni jintuża għal dan l-iskop, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi sospiża l-eżenzjoni mill-viża għal pajjiż terz li jagħżel li jħaddem tali skemi taċ-ċittadinanza b'investiment, li bihom iċ-ċittadinanza tingħata mingħajr ebda rabta ġenwina mal-pajjiż terz ikkonċernat.	mingħajr ebda rabta ġenwina mal-pajjiż terz ikkonċernat. Filwaqt li l-Unjoni tirrispetta d-dritt tal-pajjiżi sovrani li jiddeċiedu dwar il-proċeduri ta' naturalizzazzjoni tagħhom stess, jenħtieġ li l-pajjiżi terzi eżentati mill-ħtieġa tal-viża jiġu skoraġġuti milli jużaw l-aċċess mingħajr viża għall-Unjoni bħala għodda biex jinġieb investiment individwali inkambju għaċ-ċittadinanza tagħhom. ***In-nuqqas ta' kontrolli tas-sigurtà, proċeduri ta' skrinjar u diliġenza dovuta komprensivi joħloq diversi riskji serji għas-sigurtà għaċ-ċittadini tal-Unjoni, bħal dawk li jirriżultaw mill-ħasil tal-flus u mill-korruzzjoni.*** Sabiex jiġi evitat li l-aċċess mingħajr viża għall-Unjoni jintuża għal dan l-iskop, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi sospiża l-eżenzjoni mill-viża għal pajjiż terz li jagħżel li jħaddem tali skemi taċ-ċittadinanza b'investiment, li bihom iċ-ċittadinanza tingħata mingħajr ebda rabta ġenwina mal-pajjiż terz ikkonċernat.
	Or. en

Emenda 26
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-iskattar tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni jenħtieġ li jitqies fil-kuntest usa' tar-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-pajjiż terz rilevanti. Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċifika lir-relazzjonijiet diplomatiċi u esterni tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi. Dan jinkludi kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-ksur tal-ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi, atti ostili lejn l-Unjoni jew l-Istati Membri u n-nuqqas ta' konformità jew in-nuqqas ta' allinjament mas-

sanzjonijiet rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 27
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Meta l-politika dwar il-viżi ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 ma tkunx allinjata mal-politika tal-Unjoni dwar il-viżi fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma meħtieġa li jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, dan jista' jirriżulta f'migrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni, b'mod partikolari fejn il-pajjiż terz ikkonċernat ikun ġeografikament qrib ħafna tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni meta, wara valutazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm riskju ta' żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, minbarra ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, li jaslu legalment fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz u mbagħad jidħlu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri	***imħassar***

Or. en

Emenda 28
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Meta l-politika dwar il-viżi ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-	***imħassar***

Regolament (UE) 2018/1806 ma tkunx allinjata mal-politika tal-Unjoni dwar il-viżi fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma meħtieġa li jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, dan jista' jirriżulta f'migrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni, b'mod partikolari fejn il-pajjiż terz ikkonċernat ikun ġeografikament qrib ħafna tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni meta, wara valutazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm riskju ta' żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, minbarra ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, li jaslu legalment fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz u mbagħad jidħlu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri

Or. en

Emenda 29
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Meta l-politika dwar il-viżi ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 ma tkunx allinjata mal-politika tal-Unjoni dwar il-viżi fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma meħtieġa li jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, dan jista' jirriżulta f'migrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni, b'mod partikolari fejn il-pajjiż terz ikkonċernat ikun ġeografikament qrib ħafna tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni meta, wara valutazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm ***riskju ta'*** żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, minbarra ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż	(7) Meta l-politika dwar il-viżi ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 ma tkunx allinjata mal-politika tal-Unjoni dwar il-viżi fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma meħtieġa li jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, dan jista' jirriżulta f'migrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni, b'mod partikolari fejn il-pajjiż terz ikkonċernat ikun ġeografikament qrib ħafna tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni meta, wara valutazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, minbarra ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, li jaslu

terz, li jaslu legalment fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz u mbagħad jidħlu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri

legalment fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz u mbagħad jidħlu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri

Or. en

Emenda 30
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-limiti biex jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jiġu rrifjutati milli jidħlu jew li jinstabu li jkunu qegħdin jissoġġornaw fit-territorju tal-Istat Membru mingħajr id-dritt li jagħmlu hekk, jew fl-għadd ta' ***applikazzjonijiet għall-ażil miċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz li għalih ir-rata ta' rikonoxximent hija baxxa, jew fl-għadd ta'*** reati kriminali serji marbuta maċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal valutazzjoni każ b'każ ***mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta jekk hemmx ċirkostanzi speċifiċi, fil-każijiet innotifikati mill-Istati Membri jew skont l-analiżi tagħha stess, li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' limiti aktar baxxi jew ogħla minn dawk indikati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1806. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni jenħtieġ li tqis, pereżempju, l-għadd ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni tal-Istat Membru, applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi jew reati kriminali proporzjonalment għall-għadd u d-daqs tal-Istati Membri affettwati u l-impatt ta' dan l-għadd fuq is-sitwazzjoni migratorja kumplessiva, il-funzjonament tas-sistemi tal-ażil jew is-sigurtà interna tal-Istat Membru affetwat, kif ukoll l-azzjonijiet meħuda mill-pajjiż terz ikkonċernat biex jirrimedja s-***	(8) Il-limiti biex jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jiġu rrifjutati milli jidħlu jew li jinstabu li jkunu qegħdin jissoġġornaw fit-territorju tal-Istat Membru mingħajr id-dritt li jagħmlu hekk, jew fl-għadd ta' reati kriminali serji marbuta maċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal valutazzjoni każ b'każ.

sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 31
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-limiti biex jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jiġu rrifjutati milli jidħlu jew li jinstabu li jkunu qegħdin jissoġġornaw fit-territorju tal-Istat Membru mingħajr id-dritt li jagħmlu hekk, jew fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil miċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz li għalih ir-rata ta' rikonoxximent hija baxxa, ***jew fl-għadd ta' reati kriminali serji marbuta maċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz,*** jenħtieġ li ***jkunu soġġetti għal valutazzjoni każ b'każ mill-Kummissjoni***. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tkun tista'*** tivvaluta jekk hemmx ċirkostanzi speċifiċi, fil-każijiet innotifikati mill-Istati Membri jew skont l-analiżi tagħha stess, li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ***ta' limiti aktar baxxi jew ogħla minn dawk indikati fid-dispożizzjonijiet*** rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1806. ***Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni jenħtieġ li tqis, pereżempju, l-għadd ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni tal-Istat Membru, applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi jew reati kriminali proporzjonalment għall-għadd u d-daqs tal-Istati Membri affettwati u*** l-impatt ***ta' dan l-għadd fuq is-sitwazzjoni migratorja kumplessiva, il-funzjonament tas-sistemi tal-ażil jew is-sigurtà interna tal-Istat Membru affetwat, kif ukoll l-azzjonijiet meħuda mill-pajjiż*** terz ikkonċernat biex ***jirrimedja*** s-sitwazzjoni.	(8) Il-limiti biex jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jiġu rrifjutati milli jidħlu jew li jinstabu li jkunu qegħdin jissoġġornaw fit-territorju tal-Istat Membru mingħajr id-dritt li jagħmlu hekk, jew fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil miċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz li għalih ir-rata ta' rikonoxximent hija baxxa, jenħtieġ li ***jiġu stabbiliti b'mod ċar sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti u r-riskju ta' prattiki mhux indaqs***. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk hemmx ċirkostanzi speċifiċi, fil-każijiet innotifikati mill-Istati Membri jew skont l-analiżi tagħha stess, li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ***tad-dispożizzjonijiet*** rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1806. ***Barra minn hekk, filwaqt li jitqies*** l-impatt ***li jista' jkollha s-sospensjoni tal-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-viża fuq ir-relazzjonijiet mal-pajjiż*** terz ikkonċernat ***u fuq id-drittijiet taċ-ċittadini tiegħu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa n-neċessità, il-proporzjonalità u l-konsegwenzi ta' dik is-sospensjoni qabel ma tadotta l-att rilevanti. Meta twettaq din il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-impatt tas-sospensjoni proposta fuq ir-relazzjonijiet esterni ġenerali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mal-pajjiż terz ikkonċernat, fuq id-drittijiet taċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat, fuq il-prinċipji tar-reċiproċità tal-viża u fuq in-nondiskriminazzjoni, u tevalwa jekk is-***

sospensjoni proposta tirrappreżentax mižura xierqa biex ***tirrimedja*** s-sitwazzjoni. ***Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni għall-ħtiġijiet ta' mobbiltà tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fil-każ ta' deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż terz ikkonċernat, u r-riskji potenzjali li s-sospensjoni tinvolvi fir-rigward tal-kontinwità u l-effettività tal-ħidma tagħhom.***

Or. en

Emenda 32
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-limiti biex jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jiġu rrifjutati milli jidħlu jew li jinstabu li jkunu qegħdin jissoġġornaw fit-territorju tal-Istat Membru mingħajr id-dritt li jagħmlu hekk, jew fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil miċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz li għalih ir-rata ta' rikonoxximent hija baxxa, jew fl-għadd ta' reati kriminali serji marbuta maċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal valutazzjoni każ b'każ mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta jekk hemmx ċirkostanzi speċifiċi, fil-każijiet innotifikati mill-Istati Membri jew skont l-analiżi tagħha stess, li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' limiti aktar baxxi jew ogħla minn dawk indikati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1806. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni jenħtieġ li tqis, pereżempju, l-għadd ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni tal-Istat Membru, applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi jew	(8) Il-limiti biex jiġi skattat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każ ta' żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jiġu rrifjutati milli jidħlu jew li jinstabu li jkunu qegħdin jissoġġornaw fit-territorju tal-Istat Membru mingħajr id-dritt li jagħmlu hekk***, jew li jkunu qegħdin jissoġġornaw oltre mill-perjodu mingħajr viża***, jew fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil miċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz li għalih ir-rata ta' rikonoxximent hija baxxa, jew fl-għadd ta' reati kriminali serji marbuta maċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal valutazzjoni każ b'każ mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta jekk hemmx ċirkostanzi speċifiċi, fil-każijiet innotifikati mill-Istati Membri jew skont l-analiżi tagħha stess, li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' limiti aktar baxxi jew ogħla minn dawk indikati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1806. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni jenħtieġ li tqis, pereżempju, l-għadd ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni tal-Istat

reati kriminali proporzjonalment għall-għadd u d-daqs tal-Istati Membri affettwati u l-impatt ta' dan l-għadd fuq is-sitwazzjoni migratorja kumplessiva, il-funzjonament tas-sistemi tal-ażil jew is-sigurtà interna tal-Istat Membru affetwat, kif ukoll l-azzjonijiet meħuda mill-pajjiż terz ikkonċernat biex jirrimedja s-sitwazzjoni.	Membru, applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi jew reati kriminali proporzjonalment għall-għadd u d-daqs tal-Istati Membri affettwati u l-impatt ta' dan l-għadd fuq is-sitwazzjoni migratorja kumplessiva, il-funzjonament tas-sistemi tal-ażil jew is-sigurtà interna tal-Istat Membru affetwat, kif ukoll l-azzjonijiet meħuda mill-pajjiż terz ikkonċernat biex jirrimedja s-sitwazzjoni.
	Or. en

Emenda 33
Malik Azmani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għall-fini tan-notifika lill-Kummissjoni dwar iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal raġuni għas-sospensjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu perjodi ta' referenza itwal minn xahrejn sabiex jidentifikaw mhux biss bidliet f'daqqa fis-sitwazzjoni rilevanti, iżda wkoll xejriet aktar fit-tul li jistgħu jiġġustifikaw l-użu tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża.	(9) Għall-fini tan-notifika lill-Kummissjoni dwar iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal raġuni għas-sospensjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu perjodi ta' referenza itwal minn xahrejn sabiex jidentifikaw mhux biss bidliet f'daqqa fis-sitwazzjoni rilevanti, iżda wkoll xejriet aktar fit-tul li jistgħu jiġġustifikaw l-użu tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża. ***F'ċirkostanzi eċċezzjonali li jirrikjedu azzjoni immedjata, jenħtieġ li l-Kummissjoni taċċetta perjodu ta' referenza iqsar minn xahrejn meta n-notifiki jsiru minn aktar minn Stat Membru wieħed. Ir-raġunijiet għall-iskattar tal-mekkaniżmu fir-rigward tar-raġunijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu kompluti u ċari. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament dwar in-notifiki u d-deċiżjonijiet konsegwenti b'mod immedjat u komprensiv.***
	Or. en

Emenda 34
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għall-fini tan-notifika lill-Kummissjoni dwar iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal raġuni għas-sospensjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu perjodi ta' referenza itwal minn xahrejn sabiex jidentifikaw mhux biss bidliet f'daqqa fis-sitwazzjoni rilevanti, iżda wkoll xejriet aktar fit-tul li jistgħu jiġġustifikaw l-użu tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża.	(9) Għall-fini tan-notifika lill-Kummissjoni dwar iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal raġuni għas-sospensjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu perjodi ta' referenza itwal minn xahrejn ***iżda mhux itwal minn tnax-il xahar*** sabiex jidentifikaw mhux biss bidliet f'daqqa fis-sitwazzjoni rilevanti, iżda wkoll xejriet aktar fit-tul li jistgħu jiġġustifikaw l-użu tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża.

Or. en

Emenda 35
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għall-fini tan-notifika lill-Kummissjoni dwar iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal raġuni għas-sospensjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkunu jistgħu*** jqisu perjodi ta' referenza ***itwal minn*** xahrejn sabiex jidentifikaw ***mhux biss*** bidliet f'daqqa fis-sitwazzjoni rilevanti***, iżda wkoll xejriet aktar fit-tul*** li jistgħu jiġġustifikaw l-użu tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża.	(9) Għall-fini tan-notifika lill-Kummissjoni dwar iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal raġuni għas-sospensjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu perjodi ta' referenza ***ta'*** xahrejn sabiex jidentifikaw bidliet f'daqqa fis-sitwazzjoni rilevanti li jistgħu jiġġustifikaw l-użu tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża.

Or. en

Emenda 36
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-Parlament Ewropew jinnotifika lill-Kummissjoni l-fehma tiegħu dwar l-eżistenza taċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal raġuni għal sospensjoni, b'mod partikolari f'każijiet ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment operati mill-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806, jew f'każijiet meta l-politika dwar il-viżi ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 ma tkunx allinjata mal-politika dwar il-viżi tal-Unjoni, fil-każ ta' deterjorament sinifikanti u f'daqqa fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, jew fil-każijiet tal-eżistenza tar-raġunijiet għas-sospensjoni stabbiliti fil-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir.

Or. en

Emenda 37
Charlie Weimers, Patryk Jaki, Vincenzo Sofo, Jorge Buxadé Villalba, Pirkko Ruohonen-Lerner
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Il-monitoraġġ sistematiku mill-Kummissjoni tar-rekwiżiti speċifiċi, li huma bbażati fuq l-Artikolu 1 u li ntużaw biex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-għoti ta' liberalizzazzjoni tal-viża, jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari għad-dimensjoni tas-sigurtà biex jiġi żgurat li l-pajjiżi fl-Anness II qegħdin josservaw ir-rekwiżiti inizjali għall-infurzar tal-liġi u l-immigrazzjoni, is-sigurtà tal-passaporti,

il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kapaċitajiet tal-kontroll fil-fruntieri.

Or. en

Emenda 38
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Kull meta tqis li jkun meħtieġ, jew fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar l-eżitu tal-monitoraġġ sistematiku tagħha tas-sistemi mingħajr viża mal-pajjiżi terzi kollha elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806. Ir-rapport jenħtieġ li jiffoka fuq dawk il-pajjiżi terzi li, skont l-analiżi tal-Kummissjoni, jippreżentaw problemi speċifiċi li, jekk ma jiġux indirizzati, jaf iwasslu biex jiskattaw il-mekkaniżmu ta' sospensjoni. ***B'mod partikolari***, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tikkunsidra r-rapportar*** dwar pajjiżi li jkunu għadhom kif ġew elenkati fl-Anness II mingħajr ma għaddew minn djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, fejn tqis li huwa meħtieġ u b'mod partikolari fl-ewwel snin wara d-dħul fis-seħħ tal-eżenzjoni mill-viża għal dawk il-pajjiżi.	(10) Kull meta tqis li jkun meħtieġ, jew fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar l-eżitu tal-monitoraġġ sistematiku tagħha tas-sistemi mingħajr viża mal-pajjiżi terzi kollha elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806. Ir-rapport jenħtieġ li jiffoka fuq dawk il-pajjiżi terzi li, skont l-analiżi tal-Kummissjoni, jippreżentaw problemi speċifiċi li, jekk ma jiġux indirizzati, jaf iwasslu biex jiskattaw il-mekkaniżmu ta' sospensjoni. ***Il-monitoraġġ u r-rapportar sistemiċi għandhom isiru abbażi ta' data pprovduta mill-Aġenziji tal-UE bħala data maħżuna fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN). Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li kull pajjiż terz elenkat fl-Anness II jiġi mmonitorjat u jsir rapportar dwaru mill-inqas kull erba' snin. Barra minn hekk***, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tirrapporta*** dwar pajjiżi li jkunu għadhom kif ġew elenkati fl-Anness II mingħajr ma għaddew minn djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, fejn tqis li huwa meħtieġ u b'mod partikolari fl-ewwel snin wara d-dħul fis-seħħ tal-eżenzjoni mill-viża għal dawk il-

pajjiżi.

Or. en

Emenda 39
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Kull meta tqis li jkun meħtieġ, jew fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar l-eżitu tal-monitoraġġ sistematiku tagħha tas-sistemi mingħajr viża mal-pajjiżi terzi kollha elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806. Ir-rapport jenħtieġ li jiffoka fuq dawk il-pajjiżi terzi li, skont l-analiżi tal-Kummissjoni, jippreżentaw problemi speċifiċi li, jekk ma jiġux indirizzati, jaf iwasslu biex jiskattaw il-mekkaniżmu ta' sospensjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tikkunsidra r-rapportar*** dwar pajjiżi li jkunu għadhom kif ġew elenkati fl-Anness II mingħajr ma għaddew minn djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, fejn tqis li huwa meħtieġ u b'mod partikolari fl-ewwel snin wara d-dħul fis-seħħ tal-eżenzjoni mill-viża għal dawk il-pajjiżi.	(10) Kull meta tqis li jkun meħtieġ, jew fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar l-eżitu tal-monitoraġġ sistematiku tagħha tas-sistemi mingħajr viża mal-pajjiżi terzi kollha elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806. Ir-rapport jenħtieġ li jiffoka fuq dawk il-pajjiżi terzi li, skont l-analiżi tal-Kummissjoni, jippreżentaw problemi speċifiċi li, jekk ma jiġux indirizzati, jaf iwasslu biex jiskattaw il-mekkaniżmu ta' sospensjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tirrapporta*** dwar pajjiżi li jkunu għadhom kif ġew elenkati fl-Anness II mingħajr ma għaddew minn djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, fejn tqis li huwa meħtieġ u b'mod partikolari fl-ewwel snin wara d-dħul fis-seħħ tal-eżenzjoni mill-viża għal dawk il-pajjiżi.

Or. en

Emenda 40
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Fid-dawl tal-konsegwenzi estensivi li s-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni

mir-rekwiżit tal-viża jista' jkollha fuq iċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffavorixxi approċċ immirat, filwaqt li qabelxejn tapplika l-miżura fil-konfront tal-individwi magħżula li għandhom pożizzjonijiet ta' responsabbiltà, bħall-membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali ta' pajjiżi terzi, il-membri ta' Gvernijiet lokali, reġjonali u nazzjonali, il-membri tal-Parlamenti, jew l-uffiċjali pubbliċi jew militari ta' grad għoli, filwaqt li tagħmel kull sforz biex timminimizza l-konsegwenzi avversi fuq il-popolazzjoni ġenerali.

Or. en

Emenda 41
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Fid-dawl tal-implikazzjonijiet estensivi tas-sospensjoni għaċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi kkonċernati, u filwaqt li jitqies ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 13 tat-TUE għall-qafas istituzzjonali tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-effettività tal-politiki u l-azzjonijiet tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja b'mod permanenti jekk l-iskattar tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni jiksibx ir-riżultat maħsub, u tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 42
Tineke Strik

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Fejn tkun ittieħdet deċiżjoni ta' sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-viża għal pajjiż terz, jenħtieġ li jkun hemm perjodu ta' żmien adegwat għad-djalogu msaħħaħ bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat bl-għan li jiġu rrimedjati ċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għas-sospensjoni. Għal dan l-iskop, id-durata tas-sospensjoni temporanja deċiża minn att ***ta' implimentazzjoni*** tal-Kummissjoni jenħtieġ li tkun ta' 12-il xahar fl-ewwel fażi, bil-possibbiltà li tiġi estiża b'24 xhur ulterjuri permezz ta' att delegat fit-tieni fażi. Meta ma tinstab l-ebda soluzzjoni qabel tmiem il-perjodu ta' validità tal-att delegat u l-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għat-trasferiment tal-pajjiż terz ikkonċernat mill-Anness II għall-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1806, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta att delegat li jestendi s-sospensjoni temporanja sad-dħul fis-seħħ tal-proposta adottata.	(11) Fejn tkun ittieħdet deċiżjoni ta' sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-viża għal pajjiż terz, jenħtieġ li jkun hemm perjodu ta' żmien adegwat għad-djalogu msaħħaħ bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat bl-għan li jiġu rrimedjati ċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għas-sospensjoni. Għal dan l-iskop, id-durata tas-sospensjoni temporanja deċiża minn att ***delegat*** tal-Kummissjoni jenħtieġ li tkun ta' 12-il xahar fl-ewwel fażi, bil-possibbiltà li tiġi estiża b'24 xhur ulterjuri permezz ta' att delegat fit-tieni fażi. Meta ma tinstab l-ebda soluzzjoni qabel tmiem il-perjodu ta' validità tal-att delegat u l-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għat-trasferiment tal-pajjiż terz ikkonċernat mill-Anness II għall-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1806, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta att delegat li jestendi s-sospensjoni temporanja sad-dħul fis-seħħ tal-proposta adottata.

Or. en

Emenda 43
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-iskattar tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu azzjoni rapida, b'mod partikolari biex jiġi evitat kwalunkwe abbuż mill-ivjaġġar mingħajr viża li jikkawża influss bil-massa ta' ċittadini ta'	***imħassar***

pajjiżi terzi li jaslu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri jew dannu serju għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 44
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-iskattar tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu azzjoni rapida, b'mod partikolari biex jiġi evitat kwalunkwe abbuż mill-ivjaġġar mingħajr viża li jikkawża influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri jew dannu serju għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 45
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-iskattar tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni, ***raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu***	(12) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-iskattar tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni, ***fejn theddida serja għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà***

azzjoni ***rapida***, b'mod partikolari biex jiġi evitat kwalunkwe abbuż mill-ivjaġġar mingħajr viża li jikkawża influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri jew dannu serju għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri.	***interna fi Stat Membru skont l-Artikolu 8a(d) ma tkunx prevedibbli u tkun tirrikjedi*** azzjoni ***immedjata***, b'mod partikolari biex jiġi evitat kwalunkwe abbuż mill-ivjaġġar mingħajr viża li jikkawża influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri jew dannu serju għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 46
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Is-sospensjoni temporanja jenħtieġ li titneħħa fi kwalunkwe ħin meta ċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għas-sospensjoni jiġu rrimedjati qabel tmiem il-perjodu ta' sospensjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta***, rispettivament, att ta' implimentazzjoni qabel tmiem il-perjodu ta' sospensjoni stabbilit fl-att ta' implimentazzjoni rilevanti, u att delegat*** qabel tmiem il-perjodu ta' sospensjoni stabbilit ***fl-att delegat*** rilevanti.	(13) Is-sospensjoni temporanja jenħtieġ li titneħħa fi kwalunkwe ħin meta ċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għas-sospensjoni jiġu rrimedjati qabel tmiem il-perjodu ta' sospensjoni***, jew meta s-sospensjoni tirriżulta li mhijiex effettiva biex tirrimedja s-sitwazzjoni***. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta ***atti delegati*** qabel tmiem il-perjodu ta' sospensjoni stabbilit ***fl-atti delegati*** rilevanti.

Or. en

Emenda 47
Moritz Körner, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) L-Artikolu 7, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(d) il-Kummissjoni għandha, meta tqis passi ulterjuri f'konformità mal-punt (e) jew (h), tqis l-eżitu tal-miżuri meħudin mill-Istat Membru kkonċernat bil-ħsieb li jiġi żgurat ivvjaġġar mingħajr viża mal-pajjiż terz ikkonċernat, il-passi meħudin f'konformità mal-punt (b), u l-konsegwenzi tas-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mal-pajjiż terz ikkonċernat;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk din l-emenda tgħaddi, il-Kummissjoni finalment se tkun imġiegħla tikseb ir-reċiproċità tal-viża għaċ-ċittadini kollha tal-UE. Il-Parlament Ewropew ħa lill-Kummissjoni quddiem il-qorti minħabba li l-Kummissjoni naqset milli tieħu l-miżuri legalment meħtieġa biex tikseb ir-reċiproċità tal-viża għaċ-ċittadini Bulgari, Ċiprijotti u Rumena mal-pajjiżi terzi. Din l-emenda sempliċement tħassar ir-referenza għall-punt (f) fl-Artikolu 7(d) [li b'konsegwenza ta' dan issa tirreferi biss għall-punti (e) u (h)], u b'hekk telimina l-iskuża li l-Kummissjoni ilha tuża mill-2014 biex ma taġixxix kif mistenni mill-Parlament Ewropew.

Emenda 48
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet fejn ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni u pajjiż terz elenkat fl-Anness II jinkludi dispożizzjonijiet dwar raġunijiet jew proċeduri differenti għas-sospensjoni, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikat minflok l-Artikoli 8a, 8e u 8f ta' dan ir-Regolament."	***imħassar***

Or. en

Emenda 49

Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet fejn ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni u pajjiż terz elenkat fl-Anness II ***jinkludi dispożizzjonijiet dwar raġunijiet jew proċeduri differenti għas-sospensjoni***, ***dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikat minflok*** l-Artikoli 8a, 8e u 8f ta' dan ir-Regolament."	2. F'każijiet fejn ***ikun ġie konkluż*** ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni u pajjiż terz elenkat fl-Anness II, l-Artikoli 8a, 8e u 8f ta' dan ir-Regolament ***għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar ir-raġunijiet għal sospensjoni u għall-proċeduri stabbiliti fil-ftehim***."

Or. en

Emenda 50
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-mekkaniżmu ta' sospensjoni jista' jiġi attivat ***għar-raġunijiet*** li ġejjin:	1. Il-mekkaniżmu ta' sospensjoni jista' jiġi attivat ***għal waħda jew aktar mir-raġunijiet*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 51
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II li jiġu rrifjutati milli jidħlu ***jew*** li jinstabu li jkunu qegħdin jissoġġornaw fit-territorju ta' Stat Membru mingħajr id-dritt li jagħmlu hekk;	(a) żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II li jiġu rrifjutati milli jidħlu***,*** li jinstabu li jkunu qegħdin jissoġġornaw fit-territorju ta' Stat Membru mingħajr id-dritt li jagħmlu hekk***, jew li jissoġġornaw oltre mill-perjodu mingħajr viża***;

Or. en

Emenda 52
Leopoldo López Gil, Javier Zarzalejos

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) żieda sostanzjali fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil miċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II li għalih ir-rata ta' rikonoxximent tkun baxxa;	***imħassar***

Or. es

Emenda 53
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) żieda sostanzjali fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil miċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II li għalih ir-rata ta' rikonoxximent tkun baxxa;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni għandha l-potenzjal li tikser id-dritt għall-ażil kif iggarantit mill-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Emenda 54
Charlie Weimers, Patryk Jaki, Vincenzo Sofo, Jorge Buxadé Villalba, Pirkko Ruohonen-Lerner
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) żieda sostanzjali fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil miċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-2022, 15 % tal-applikazzjonijiet kollha għall-ażil saru minn ċittadini li ġejjin minn pajjiżi eżentati mill-ħtieġa tal-viża. Fl-2023, dan żdied għal madwar 20 % skont l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil. Ħafna minn dawn l-applikazzjonijiet saru minn ċittadini ta' pajjiżi terzi minn pajjiżi b'rati ta' rikonoxximent ogħla minn 4 %. Skont il-Kummissjoni "L-iskop ewlieni ta' din il-proposta huwa li l-mekkaniżmu ta' sospensjoni jkun attrezzat aħjar biex jirreaġixxi malajr u b'mod deċiżiv għall-isfidi emerġenti fil-qasam tal-migrazzjoni irregolari u s-sigurtà li jirriżultaw minn pajjiżi terzi eżentati mill-ħtieġa tal-viża, u biex jiġġieled kwalunkwe abbuż ta' vjaġġar mingħajr viża." L-iskop tal-ftehimiet ta' vvjaġġar mingħajr viża huwa li jiffaċilitaw l-iżvilupp ekonomiku, it-turiżmu, u l-iskambju kulturali, u mhux li jippermettu applikazzjonijiet multipli għall-ażil fiż-Żona Schengen kollha. Għalhekk, żieda sostanzjali fl-applikazzjonijiet għall-ażil, irrispettivament mir-rati ta' rikonoxximent għandhom jitqiesu wkoll bħala raġunijiet għal sospensjoni.

Emenda 55
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tnaqqis fil-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, jew każijiet oħra ta' nuqqas ta' kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 56
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) riskju sinifikanti jew theddida imminenti għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri b'rabta ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II minħabba ***kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:***	(d) riskju sinifikanti jew theddida imminenti għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri b'rabta ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II minħabba ***żieda sostanzjali fir-reati kriminali serji, marbuta maċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, sostanzjata minn informazzjoni u data oġġettivi, konkreti u rilevanti pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti;***

Or. en

Emenda 57
Jaak Madison

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) riskju ***sinifikanti jew theddida*** imminenti għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri b'rabta	(d) riskju imminenti għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri b'rabta ma' pajjiż terz elenkat fl-

ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II minħabba kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:	Anness II minħabba kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 58
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) żieda sostanzjali fir-reati kriminali serji, marbuta maċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, sostanzjata minn informazzjoni u data oġġettivi, konkreti u rilevanti pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 59
Jaak Madison

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) żieda ***sostanzjali*** fir-reati kriminali serji, marbuta maċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, sostanzjata minn informazzjoni u data oġġettivi, konkreti u rilevanti pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti;	(i) żieda fir-reati kriminali serji, marbuta maċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, sostanzjata minn informazzjoni u data oġġettivi, konkreti u rilevanti pprovduti mill-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti;

Or. en

Emenda 60
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) theddid ibridu;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Barra l-kamp ta' applikazzjoni f'din il-parti.

Emenda 61
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) theddid ibridu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 62
Jaak Madison

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) theddid ibridu;	(ii) theddid ibridu ***u strumentalizzazzjoni tal-migranti***;

Or. en

Emenda 63
Malik Azmani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt d – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) standards legali inadegwati li jikkonċernaw is-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u tal-identità;

Or. en

Emenda 64
Jaak Madison

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) theddid terroristiku;

Or. en

Emenda 65
Jaak Madison

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) nuqqasijiet fil-leġiżlazzjoni jew il-proċedura għas-sigurtà tad-dokumenti;

Or. en

Emenda 66
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) in-nuqqas ta' allinjament tal-politika dwar il-viżi ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, fejn, b'mod partikolari minħabba l-qrubija ġeografika ta' dak il-pajjiż terz għall-Unjoni, ikun hemm riskju ta' żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, minbarra ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, li jidħlu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri wara li jkunu ssoġġornaw fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz jew tranżitaw minnu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 67
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) in-nuqqas ta' allinjament tal-politika dwar il-viżi ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, fejn, b'mod partikolari minħabba l-qrubija ġeografika ta' dak il-pajjiż terz għall-Unjoni, ikun hemm riskju ta' żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, minbarra ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, li jidħlu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri wara li jkunu ssoġġornaw fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz jew tranżitaw minnu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 68
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) in-nuqqas ta' allinjament tal-politika dwar il-viżi ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, fejn, b'mod partikolari minħabba l-qrubija ġeografika ta' dak il-pajjiż terz għall-Unjoni, ikun hemm ***riskju ta'*** żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, minbarra ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, li jidħlu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri wara li jkunu ssoġġornaw fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz jew tranżitaw minnu;	(f) in-nuqqas ta' allinjament tal-politika dwar il-viżi ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, fejn, b'mod partikolari minħabba l-qrubija ġeografika ta' dak il-pajjiż terz għall-Unjoni, ikun hemm żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, minbarra ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, li jidħlu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri wara li jkunu ssoġġornaw fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz jew tranżitaw minnu;

Or. en

Emenda 69
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) ksur serju tal-prinċipji stabbiliti fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jew ksur serju tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew mid-dritt umanitarju internazzjonali;

Or. en

Emenda 70

Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) deterjorament serju fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, muri min-nuqqas ta' allinjament tal-kriterji elenkati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 71
Nuno Melo

Proposta għal regolament
Artikolu 1.º – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) deterjorament sinifikanti u f'daqqa fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, b'mod partikolari rigward id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, li jirriżulta minn waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin: (i) ksur u abbużi gravi tad-drittijiet tal-bniedem; (ii) ksur serju tad-dritt u tal-istandards internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u nonkonformità mad-deċiżjonijiet u mas-sentenzi tal-qrati internazzjonali;

Or. pt

Emenda 72
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) kwalunkwe raġuni oħra għas-sospensjoni stabbilita fi ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni jew pajjiż terz elenkat fl-Anness II, limitata għall-kamp ta' applikazzjoni ta' tali ftehim.

Or. en

Emenda 73
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u ***(d)(i)*** ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' 50 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari***.	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u ***(d)*** ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' 50 %.

Or. en

Emenda 74
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d)(i) ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' 50 %, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari.	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d)(i) ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' 50 %, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari***, billi tipprovdi raġunijiet iġġustifikati kif xieraq għal din id-deċiżjoni***.

Or. en

Emenda 75
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d)(i) ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' 50 %, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari.	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d)(i)***, u l-paragrafu 4*** ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' 50 %, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari.

Or. en

Emenda 76
Charlie Weimers, Patryk Jaki, Vincenzo Sofo, Jorge Buxadé Villalba, Pirkko Ruohonen-Lerner
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d)(i) ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' ***50 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari.	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d)(i) ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' ***15 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esperjenza tal-passat tal-Kummissjoni tenfasizza "d-diffikultajiet tal-iskattar tal-mekkaniżmu minħabba l-proċedura kkumplikata tiegħu u wriet għal darb'oħra li l-ilħuq tal-limiti mitluba mir-regoli attwali jista' jkun diffiċli, għad-detriment tal-objettiv li jiġu pprovduti reazzjonijiet urġenti għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u r-riskji għas-sigurtà li jirriżultaw mill-ivvjaġġar mingħajr viża." Għalhekk dan isegwi li l-limitu jrid jitbaxxa b'mod sinifikanti.

Emenda 77
Jaak Madison

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d)(i) ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' ***50 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari.	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d)(i) ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' ***10 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari.

Or. en

Emenda 78
Malik Azmani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d)(i) ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' ***50 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari.	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (d)(i) ta' dan l-Artikolu, żieda sostanzjali għandha tfisser żieda li taqbeż limitu ta' ***30 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli żieda inferjuri jew superjuri fil-każ partikolari.

Or. en

Emenda 79
Leopoldo López Gil, Javier Zarzalejos

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn 4 %, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari.	***imħassar***

Or. es

Emenda 80
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn ***4 %, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari***.	3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn ***2 %***.

Or. en

Emenda 81
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn 4 %, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari.	3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn 4 %, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari***, billi tipprovdi raġunijiet iġġustifikati kif xieraq għal din id-deċiżjoni***.

Or. en

Emenda 82
Jaak Madison

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn ***4 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari.	3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn ***35 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari.

Or. en

Emenda 83
Malik Azmani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn ***4 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari.	3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn ***20 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari.

Or. en

Emenda 84
Charlie Weimers, Patryk Jaki, Vincenzo Sofo, Jorge Buxadé Villalba, Pirkko Ruohonen-Lerner
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn ***4 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari.	3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn ***35 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-2022, 15 % tal-applikazzjonijiet kollha għall-ażil saru minn ċittadini li ġejjin minn pajjiżi eżentati mill-ħtieġa tal-viża. Fl-2023, dan żdied għal madwar 20 % skont l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil. Ħafna minn dawn l-applikazzjonijiet saru minn ċittadini ta' pajjiżi terzi minn pajjiżi fl-Anness II b'rati ta' rikonoxximent ogħla minn 4 %. Ir-rata ta' rikonoxximent ta' 4 % hija baxxa żżejjed u xxekkel l-operabbiltà tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni.

Emenda 85
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn ***4 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari.	3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu, rata baxxa ta' rikonoxximent għandha tfisser rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' inqas minn ***3 %***, sakemm il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) jew l-Artikolu 8c(2) ma tikkonkludix li hija applikabbli rata ta' rikonoxximent superjuri fil-każ partikolari.

Or. en

Emenda 86
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), tnaqqis fil-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II għandha tfisser żieda sostanzjali, issostanzjata minn data adegwata, fir-rata ta' rifjut ta' applikazzjonijiet tar-riammissjoni ppreżentati minn Stat Membru lil dak il-pajjiż terz għaċ-ċittadini tiegħu stess ***jew, meta ftehim ta' riammissjoni konkluż bejn l-Unjoni jew dak l-Istat Membru, u dak il-pajjiż terz jipprevedi dan, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu tranżitaw minn dak il-pajjiż terz***.	4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), tnaqqis fil-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II għandha tfisser żieda sostanzjali, issostanzjata minn data adegwata, fir-rata ta' rifjut ta' applikazzjonijiet tar-riammissjoni ppreżentati minn Stat Membru lil dak il-pajjiż terz għaċ-ċittadini tiegħu stess***, fejn jista' jintwera b'mod ċar li t-tnaqqis fil-kooperazzjoni huwa r-riżultat tal-azzjonijiet jew tan-nuqqas ta' azzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat u mhuwiex attribwibbli għall-Istat Membru rikjedenti***.

Or. en

Emenda 87
Malik Azmani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), tnaqqis fil-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II għandha tfisser ***żieda sostanzjali***, issostanzjata minn data adegwata, ***fir-rata*** ta' rifjut ta' applikazzjonijiet tar-riammissjoni ppreżentati minn Stat Membru lil dak il-pajjiż terz għaċ-ċittadini tiegħu stess jew, meta ftehim ta'	4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), tnaqqis fil-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiż terz elenkat fl-Anness II għandha tfisser ***rata dejjem akbar***, issostanzjata minn data adegwata, ta' rifjut ta' applikazzjonijiet tar-riammissjoni ppreżentati minn Stat Membru lil dak il-pajjiż terz għaċ-ċittadini tiegħu stess jew, meta ftehim ta'

riammissjoni konkluż bejn l-Unjoni jew dak l-Istat Membru, u dak il-pajjiż terz jipprevedi dan, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu tranżitaw minn dak il-pajjiż terz.	riammissjoni konkluż bejn l-Unjoni jew dak l-Istat Membru, u dak il-pajjiż terz jipprevedi dan, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu tranżitaw minn dak il-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 88
Malik Azmani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rifjut jew in-nuqqas tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tar-riammissjoni fiż-żmien dovut;	(a) ir-rifjut jew in-nuqqas tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tar-riammissjoni fiż-żmien dovut***, in-nuqqas ta' assistenza f'waqtha fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jissoġġornaw fit-territorju ta' Stat Membru, mingħajr dritt li jagħmlu dan***;

Or. en

Emenda 89
Charlie Weimers, Patryk Jaki, Vincenzo Sofo, Jorge Buxadé Villalba, Pirkko Ruohonen-Lerner
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rifjut jew in-nuqqas tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tar-riammissjoni fiż-żmien ***dovut***;	(a) ir-rifjut jew in-nuqqas tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tar-riammissjoni fiż-żmien ***erba' ġimgħat mid-deċiżjoni ta' ritorn***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kelmiet "fi żmien dovut" huma vagi wisq. Pajjiżi oħra jirrikjedu standards stretti ta' riammissjoni sabiex qabelxejn jingħataw aċċess mingħajr viża. Pereżempju, l-Istati Uniti jirrikjedu li l-pajjiżi b'aċċess mingħajr viża jaċċettaw liċ-ċittadini tagħhom fi żmien tliet ġimgħat mill-ordni finali ta' tneħħija. L-UE għandha problemi bir-ritorni u l-pajjiżi tal-Anness II għandhom jaderixxu ma' skeda ta' żmien stretta fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' ritorn.

Emenda 90
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rifjut jew in-nuqqas tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tar-riammissjoni ***fiż-żmien dovut***;	(a) ir-rifjut jew in-nuqqas tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tar-riammissjoni;

Or. en

Emenda 91
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-nuqqas ta' ħruġ tad-dokumenti tal-ivvjaġġar fiż-żmien dovut għall-finijiet ta' ritorn sal-iskadenzi speċifikati fil-ftehim ta' riammissjoni jew ir-rifjut li jiġu aċċettati dokumenti tal-ivvjaġġar Ewropej maħruġa wara t-tmiem tal-iskadenzi stabbiliti fil-ftehim ta' riammissjoni;	(b) in-nuqqas ta' ħruġ tad-dokumenti tal-ivvjaġġar fiż-żmien dovut għall-finijiet ta' ritorn sal-iskadenzi speċifikati fil-ftehim ta' riammissjoni jew ir-rifjut li jiġu aċċettati dokumenti tal-ivvjaġġar Ewropej maħruġa wara t-tmiem tal-iskadenzi stabbiliti fil-ftehim ta' riammissjoni***, jew altrimenti l-ħolqien ta' ostakli prattiċi persistenti rigward l-eżekuzzjoni ta'***

deċiżjonijiet ta' riammissjoni;

Or. en

Emenda 92
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-nuqqas ta' ħruġ tad-dokumenti tal-ivvjaġġar fiż-żmien dovut għall-finijiet ta' ritorn sal-iskadenzi speċifikati fil-ftehim ta' riammissjoni jew ir-rifjut li jiġu aċċettati dokumenti tal-ivvjaġġar Ewropej maħruġa wara t-tmiem tal-iskadenzi stabbiliti fil-ftehim ta' riammissjoni;	(b) in-nuqqas ta' ħruġ tad-dokumenti tal-ivvjaġġar ***lil persuni li hija tirrikonoxxi bħala li għandhom dritt ta' residenza fit-territorju tagħha,*** fiż-żmien dovut għall-finijiet ta' ritorn sal-iskadenzi speċifikati fil-ftehim ta' riammissjoni jew ir-rifjut li jiġu aċċettati dokumenti tal-ivvjaġġar Ewropej maħruġa wara t-tmiem tal-iskadenzi stabbiliti fil-ftehim ta' riammissjoni;

Or. en

Emenda 93
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-nuqqas ta' ħruġ tad-dokumenti tal-ivvjaġġar ***fiż-żmien dovut*** għall-finijiet ta' ritorn sal-iskadenzi speċifikati fil-ftehim ta' riammissjoni jew ir-rifjut li jiġu aċċettati dokumenti tal-ivvjaġġar Ewropej maħruġa wara t-tmiem tal-iskadenzi stabbiliti fil-ftehim ta' riammissjoni;	(b) in-nuqqas ta' ħruġ tad-dokumenti tal-ivvjaġġar ***liċ-ċittadini tagħha stess jew lill-persuni li għandhom dritt ta' residenza fit-territorju tagħha*** għall-finijiet ta' ritorn sal-iskadenzi speċifikati fil-ftehim ta' riammissjoni jew ir-rifjut li jiġu aċċettati dokumenti tal-ivvjaġġar Ewropej maħruġa wara t-tmiem tal-iskadenzi stabbiliti fil-ftehim ta'

riammissjoni;

Or. en

Emenda 94
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-terminazzjoni ***jew*** is-sospensjoni tal-ftehim ta' riammissjoni konkluż bejn pajjiż terz elenkat fl-Anness II u l-Unjoni.	(c) it-terminazzjoni, is-sospensjoni ***jew altrimenti l-imminar*** tal-ftehim ta' riammissjoni konkluż bejn pajjiż terz elenkat fl-Anness II u l-Unjoni.

Or. en

Emenda 95
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – titlu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Notifika ***mill-Istati Membri*** u eżami tan-notifika	Notifika u eżami tan-notifika

Or. en

Emenda 96
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni jekk jiġi kkonfrontat, tul perjodu ta' mill-inqas xahrejn, meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena preċedenti jew inkella mal-aħħar xahrejn qabel l-implimentazzjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, b'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet għas-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), (c), u (d)(i).	1. Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni jekk jiġi kkonfrontat, tul perjodu ta' mill-inqas xahrejn ***iżda mhux itwal minn tnax-il xahar***, meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena preċedenti jew inkella mal-aħħar xahrejn qabel l-implimentazzjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, b'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet għas-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), (c), u (d)(i).

Or. en

Emenda 97
Malik Azmani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni jekk jiġi kkonfrontat, tul perjodu ta' mill-inqas xahrejn, meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena preċedenti jew inkella mal-aħħar xahrejn qabel l-implimentazzjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, b'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet għas-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 8a(1)***, il-punti (a), (b), (c), u (d)(i)***.	1. Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni jekk jiġi kkonfrontat, tul perjodu ta' mill-inqas xahrejn, meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena preċedenti jew inkella mal-aħħar xahrejn qabel l-implimentazzjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, b'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet għas-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 8a(1).

Or. en

Emenda 98
Tineke Strik

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni jekk jiġi kkonfrontat, tul perjodu ta' ***mill-inqas*** xahrejn, meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena preċedenti jew inkella mal-aħħar xahrejn qabel l-implimentazzjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, b'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet għas-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), (c), u ***(d)(i)***.	1. Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni jekk jiġi kkonfrontat, tul perjodu ta' xahrejn, meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena preċedenti jew inkella mal-aħħar xahrejn qabel l-implimentazzjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, b'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet għas-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), (c), u ***(d)***.

Or. en

Emenda 99
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b– paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Stat Membru jista' jinnotifika wkoll lill-Kummissjoni dwar l-eżistenza taċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet għal sospensjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8a(1), il-punti (e), (f), (g) u (ga)

Or. en

Emenda 100
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-Parlament Ewropew jista' jinnotifika wkoll lill-Kummissjoni bl-eżistenza taċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet għal sospensjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8a(1), (e), (f), (ga) u (gb).

Or. en

Emenda 101
Malik Azmani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssemmi r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata u għandha tinkludi data u statistika rilevanti kif ukoll spjegazzjoni dettaljata tal-miżuri preliminari li jkunu ttieħdu mill-Istat Membru kkonċernat bil-ħsieb li jirrimedja s-sitwazzjoni. Fin-notifika tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat jista' jispeċifika l-kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat li għandhom ikunu koperti minn att ta' implimentazzjoni taħt l-Artikolu 8e(1), filwaqt li jindika r-raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed jagħmel hekk.	2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssemmi r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata u għandha tinkludi data u statistika rilevanti kif ukoll spjegazzjoni dettaljata tal-miżuri preliminari li jkunu ttieħdu mill-Istat Membru kkonċernat bil-ħsieb li jirrimedja s-sitwazzjoni. Fin-notifika tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat jista' jispeċifika l-kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat li għandhom ikunu koperti minn att ta' implimentazzjoni taħt l-Artikolu 8e(1), filwaqt li jindika r-raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed jagħmel hekk. ***F'ċirkostanzi eċċezzjonali li jirrikjedu azzjoni immedjata, l-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar iċ-ċirkostanzi fl-Artikolu 8a(1) li jkopru perjodu iqsar minn xahrejn, dment li ġustifikazzjoni dettaljata tar-rispons qawwi meħtieġ tiġi ddikjarata minn dawk l-Istati Membri kkonċernati.***

Or. en

Emenda 102
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssemmi r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata ***u*** għandha tinkludi data u statistika rilevanti kif ukoll spjegazzjoni dettaljata tal-miżuri preliminari li jkunu ttieħdu mill-Istat Membru kkonċernat bil-ħsieb li jirrimedja s-sitwazzjoni. Fin-notifika tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat jista' jispeċifika l-kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat li għandhom ikunu koperti minn att ta' implimentazzjoni taħt l-Artikolu 8e(1), filwaqt li jindika r-raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed jagħmel hekk.	2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1***, 1a u 1b*** ta' dan l-Artikolu għandha ssemmi r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata***. Meta jkun rilevanti, in-notifika msemmija fil-paragrafu 1 u 1a*** għandha tinkludi data u statistika rilevanti kif ukoll spjegazzjoni dettaljata tal-miżuri preliminari li jkunu ttieħdu mill-Istat Membru kkonċernat bil-ħsieb li jirrimedja s-sitwazzjoni. Fin-notifika tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat***, jew il-Parlament Ewropew,*** jista' jispeċifika l-kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat li għandhom ikunu koperti minn att ta' implimentazzjoni taħt l-Artikolu 8e(1), filwaqt li jindika r-raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed jagħmel hekk.

Or. en

Emenda 103
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssemmi r-	2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssemmi r-

raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata u għandha tinkludi data u statistika rilevanti kif ukoll spjegazzjoni dettaljata tal-miżuri preliminari li jkunu ttieħdu mill-Istat Membru kkonċernat bil-ħsieb li jirrimedja s-sitwazzjoni. Fin-notifika tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat jista' jispeċifika l-kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat li għandhom ikunu koperti minn att ***ta' implimentazzjoni*** taħt l-Artikolu 8e(1), filwaqt li jindika r-raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed jagħmel hekk.	raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata u għandha tinkludi data u statistika rilevanti kif ukoll spjegazzjoni dettaljata tal-miżuri preliminari li jkunu ttieħdu mill-Istat Membru kkonċernat bil-ħsieb li jirrimedja s-sitwazzjoni. Fin-notifika tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat jista' jispeċifika l-kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat li għandhom ikunu koperti minn att ***delegat*** taħt l-Artikolu 8e(1), filwaqt li jindika r-raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed jagħmel hekk.

Or. en

Emenda 104
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha teżamina kull notifika li ssir skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tikkunsidra:	4. Il-Kummissjoni għandha teżamina kull notifika li ssir skont il-paragrafu 1***, 1a u 1b*** ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tikkunsidra:

Or. en

Emenda 105
Malik Azmani, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk teżistix xi waħda miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8a(1)***, il-punti (a),***	(a) jekk teżistix xi waħda miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8a(1);

(b), (c), jew (d)(i);

Or. en

Emenda 106
Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk teżistix xi waħda miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8a(1)***, il-punti (a), (b), (c), jew (d)(i)***;	(a) jekk teżistix xi waħda miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8a(1);

Or. en

Emenda 107
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk teżistix xi waħda miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), (c), jew ***(d)(i)***;	(a) jekk teżistix xi waħda miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), (c), jew ***(d)***;

Or. en

Emenda 108
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806

Artikolu 8b – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk teżistix xi waħda miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), ***(c),*** jew (d)(i);	(a) jekk teżistix xi waħda miċ-ċirkostanzi li jwasslu għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), jew (d)(i);

Or. en

Emenda 109
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 4 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-kwistjoni kumplessiva tal-ordni pubblika ***u s-sigurtà interna,*** f'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat.	(f) il-kwistjoni kumplessiva tal-ordni pubblika f'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Emenda 110
Miguel Urbán Crespo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 4 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-impatt fuq ir-reċiproċità tal-viża

Or. en

Emenda 111
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll il-ħtieġa, il-proporzjonalità u l-konsegwenzi ta' sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża, filwaqt li tqis b'mod partikolari:
	(a) ir-relazzjonijiet esterni ġenerali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mal-pajjiż terz ikkonċernat;
	(b) l-adegwatezza ta' sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni;
	(c) l-impatt ta' sospensjoni fuq id-drittijiet taċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat;
	(d) il-prinċipju tar-reċiproċità tal-viża u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni;
	(e) ir-riskji potenzjali li jiffaċċjaw id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

Or. en

Emenda 112
Miguel Urbán Crespo
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8b – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kummissjoni għandha, qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni biex tissospendi temporanjament l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għal ċittadini ta' pajjiż terz, tagħmel eżami bir-reqqa tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż terz u tqis il-konsegwenzi

possibbli kollha ta' sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għal dik is-sitwazzjoni u l-pajjiż.

Or. en

Emenda 113
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8c – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fil-monitoraġġ u fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni għandha tkun informata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija rilevanti oħra tal-Unjoni. Hija għandha tqis ukoll id-data maħżuna fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN).

Or. en

Emenda 114
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-Kummissjoni, filwaqt li tqis id-data, ir-rapporti u l-istatistika rilevanti, ikollha informazzjoni konkreta u affidabbli dwar l-eżistenza ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8a(1), hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-analiżi tagħha, u għandhom japplikaw l-Artikolu 8e l-Artikolu 8f.	2. Meta l-Kummissjoni, filwaqt li tqis id-data, ir-rapporti u l-istatistika rilevanti***, u wara li tkun wettqet valutazzjoni tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tal-konsegwenzi ta' sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża kif imsemmi fl-Artikolu 8b(4a)***, ikollha informazzjoni konkreta u affidabbli dwar l-eżistenza ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8a(1), hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-analiżi tagħha, u għandhom japplikaw l-Artikolu 8e l-Artikolu 8f.

Or. en

Emenda 115
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-monitoraġġ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 8c(1) fir-rigward tal-pajjiżi terzi li jkunu ġew elenkati fl-Anness II ***frott il-konklużjoni b'suċċess ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża li jkun sar bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz, minn tal-inqas darba fis-sena u għal perjodu ta' seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-liberalizzazzjoni tal-viża għal dawk il-pajjiżi terzi, u minn dakinhar 'il quddiem kull meta l-Kummissjoni tqis li dan ikun meħtieġ, jew fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Ir-rapport għandu jiffoka fuq il-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis, abbażi ta' informazzjoni konkreta u affidabbli, bħala li ma għadhomx jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti speċifiċi, ibbażati fuq l-***	1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-monitoraġġ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 8c(1) fir-rigward tal-pajjiżi terzi li jkunu ġew elenkati fl-Anness II.

Artikolu 1 u li jkunu ntużaw biex jivvalutaw l-adegwatezza tal-għoti tal-liberalizzazzjoni tal-viża.

Or. en

Emenda 116
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8d – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha twettaq dan ir-rapportar perjodikament, u b'hekk tiżgura li kull pajjiż terz isir rapportar dwaru tal-inqas darba f'perjodu ta' erba' snin.

Or. en

Emenda 117
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8d – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Għal dawk il-pajjiżi terzi li ġew elenkati b'riżultat tal-konklużjoni b'suċċess ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża li twettaq bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha tirrapporta fuq bażi annwali għal perjodu ta' seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-liberalizzazzjoni tal-viża għal dawk il-pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 118
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8d – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Kull meta l-Kummissjoni tqis li jkun meħtieġ, hija għandha tirrapporta dwar il-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis, abbażi ta' informazzjoni konkreta u affidabbli, bħala li ma għadhomx jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti speċifiċi, li huma bbażati fuq l-Artikolu 1 u li jkunu ntużaw biex jivvalutaw l-adegwatezza tal-għoti tal-liberalizzazzjoni tal-viża.

Or. en

Emenda 119
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta wkoll***, kull meta tqis li jkun meħtieġ, jew*** fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, dwar pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II ***għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***.	2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta wkoll fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, dwar pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II.

Or. en

Emenda 120
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – Titlu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Atti ***ta' implimentazzjoni***	Atti ***delegati***

Or. en

Emenda 121
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, abbażi tal-eżami msemmi fl-Artikolu 8b(4), jew tal-analiżi msemmija fl-Artikolu 8c(2), u filwaqt li tqis ***il-konsegwenzi*** tas-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għar-relazzjonijiet esterni kumplessivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mal-pajjiż terz ikkonċernat, u filwaqt li taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib ma' dak il-pajjiż terz biex jinstabu soluzzjonijiet alternattivi fit-tul, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tkun meħtieġa azzjoni, jew meta maġġoranza sempliċi ta' Stati Membri tkun innotifikat lill-Kummissjoni bl-eżistenza taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), (c) jew ***(d)(i)***, il-Kummissjoni għandha tadotta att ***ta' implimentazzjoni*** li jissospendi l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għal perjodu ta' 12-il xahar.	Meta, abbażi tal-eżami msemmi fl-Artikolu 8b(4), jew tal-analiżi msemmija fl-Artikolu 8c(2), u filwaqt li tqis ***in-neċessità, il-proporzjonalità u l-konsegwenzi*** tas-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għar-relazzjonijiet esterni kumplessivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mal-pajjiż terz ikkonċernat ***u għaċ-ċittadini tiegħu kif previst fl-Artikolu 8b(4a)***, u filwaqt li taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib ma' dak il-pajjiż terz biex jinstabu soluzzjonijiet alternattivi fit-tul, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tkun meħtieġa azzjoni, jew meta maġġoranza sempliċi ta' Stati Membri tkun innotifikat lill-Kummissjoni bl-eżistenza taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), (c) jew ***(d)***, il-Kummissjoni għandha tadotta att ***delegat*** li jissospendi l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għal perjodu ta' 12-il xahar.

Or. en

Emenda 122
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sospensjoni għandha tapplika għal ċerti kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat, skont it-tipi rilevanti ta' dokumenti tal-ivvjaġġar ***u***, fejn ikun xieraq, skont kriterji addizzjonali. Meta tiddeċiedi għal liema kategoriji għandha tapplika s-sospensjoni, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, tinkludi kategoriji li ***huma estiżi biżżejjed sabiex*** jikkontribwixxu b'mod effiċjenti għar-rimedju taċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għas-sospensjoni, filwaqt li jitħares il-prinċipju tal-proporzjonalità u tan-nondiskriminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dak l-att ***ta' implimentazzjoni*** għandu jistabbilixxi d-data li fiha għandha ssir effettiva s-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża.	Is-sospensjoni għandha tapplika għal ċerti kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat ***jew għal individwi magħżula***, skont it-tipi rilevanti ta' dokumenti tal-ivvjaġġar ***jew***, fejn ikun xieraq, skont kriterji addizzjonali. Meta tiddeċiedi għal liema kategoriji ***jew individwi magħżula*** għandha tapplika s-sospensjoni, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-informazzjoni disponibbli ***u tal-valutazzjoni tal-impatt u l-konsegwenzi ta' dik is-sospensjoni***, tinkludi ***biss*** kategoriji ***jew individwi*** li ***jistgħu*** jikkontribwixxu b'mod effiċjenti għar-rimedju taċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għas-sospensjoni, filwaqt li jitħares il-prinċipju tal-proporzjonalità u tan-nondiskriminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dak l-att ***delegat*** għandu jistabbilixxi d-data li fiha għandha ssir effettiva s-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża.

Or. en

Emenda 123
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att ***ta' implimentazzjoni msemmi*** fl-ewwel	Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att ***delegat imsemmi*** fl-ewwel subparagrafu fi

subparagrafu fi żmien xahar minn meta:	żmien xahar minn meta:

Or. en

Emenda 124
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tkun irċeviet in-notifika minn maġġoranza sempliċi ta' Stati Membri rigward l-eżistenza taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), (c) jew ***(d)(i)***.	(c) tkun irċeviet in-notifika minn maġġoranza sempliċi ta' Stati Membri rigward l-eżistenza taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punti (a), (b), (c) jew ***(d)***.

Or. en

Emenda 125
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-atti ***ta' implimentazzjoni*** msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità ***mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2)***.	L-atti ***delegati*** msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità ***mal-Artikolu 10***.

Or. en

Emenda 126
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(4), li temporanjament jissospendu l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għal perjodu ta' 12-il xahar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 127
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(4), li temporanjament jissospendu l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għal perjodu ta' 12-il xahar.	2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, ***meta theddida serja għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna fi Stat Membru skont l-Artikolu 8a(d) ma tkunx prevedibbli u tkun tirrikjedi azzjoni immedjata,*** il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(4), li temporanjament jissospendu l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għal perjodu ta' ***massimu tliet xhur***. ***Jekk f'dan il-perjodu, il-Kummissjoni tiddeċiedi abbażi tal-eżami msemmi fl-Artikolu 8c, li hija meħtieġa azzjoni ulterjuri, hija tista' tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8e(1), mhux aktar tard minn xahar qabel l-***

iskadenza tal-perjodu ta' tliet xhur. Id-durata totali tal-perjodu ta' sospensjoni tal-viża tal-att ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih u tal-att ta' implimentazzjoni ma għandhiex tkun itwal minn 12-il xahar.

Or. en

Emenda 128
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(4), li temporanjament jissospendu l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għal perjodu ta' 12-il xahar.	2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(4), li temporanjament jissospendu l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għal perjodu ta' 12-il xahar. ***F'tali każijiet, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament b'mod miftuħ, komprensiv, u konsistenti tul il-proċedura kollha.***

Or. en

Emenda 129
Malik Azmani, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Matul il-perjodu ta' sospensjoni, il-	3. Matul il-perjodu ta' sospensjoni, il-

Kummissjoni għandha tistabbilixxi djalogu msaħħaħ mal-pajjiż terz ikkonċernat bl-għan li jiġu rrimedjati ċ-ċirkostanzi inkwistjoni.	Kummissjoni għandha tistabbilixxi djalogu msaħħaħ mal-pajjiż terz ikkonċernat bl-għan li jiġu rrimedjati ċ-ċirkostanzi inkwistjoni. ***Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6, matul il-perjodu ta' sospensjoni, iċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għandhom ikunu obbligati li jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 130
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Matul il-perjodu ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi djalogu msaħħaħ mal-pajjiż terz ikkonċernat bl-għan li jiġu rrimedjati ċ-ċirkostanzi inkwistjoni.	3. Matul il-perjodu ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi djalogu msaħħaħ mal-pajjiż terz ikkonċernat bl-għan li jiġu rrimedjati ċ-ċirkostanzi inkwistjoni ***u tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress u l-eżiti tagħha, kif ukoll l-effettività tas-sospensjoni applikata***.

Or. en

Emenda 131
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8e – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta ċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni	4. Meta ċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni

mill-ħtieġa tal-viża jiġu rrimedjati qabel tmiem il-perjodu ta' validità tal-atti ***ta' implimentazzjoni*** adottati skont il-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tadotta att ***ta' implimentazzjoni*** li jneħħi s-sospensjoni temporanja f'konformità ***mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2)***.	mill-ħtieġa tal-viża jiġu rrimedjati qabel tmiem il-perjodu ta' validità tal-atti ***delegati*** adottati skont il-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tadotta att ***delegat ġdid*** li jneħħi s-sospensjoni temporanja f'konformità ***mal-Artikolu 10***.

Or. en

Emenda 132
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8f – titlu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Atti delegati	***Estensjoni tas-sospensjoni***

Or. en

Emenda 133
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8f – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 8a jippersistu, il-Kummissjoni għandha tadotta, sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fl-Artikolu 8e(1), att delegat f'konformità mal-Artikolu 10, li jemenda l-Anness II biex jissospendi temporanjament l-applikazzjoni ta' dak l-Anness għal perjodu ta' 24 xahar għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiż terz ikkonċernat. Dik l-emenda għandha ssir billi tiddaħħal	1. Meta ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 8a jippersistu, il-Kummissjoni għandha tadotta, sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fl-Artikolu 8e(1), att delegat f'konformità mal-Artikolu 10, li jemenda l-Anness II biex jissospendi temporanjament l-applikazzjoni ta' dak l-Anness għal perjodu ta' 24 xahar għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiż terz ikkonċernat. Dik l-emenda għandha ssir billi tiddaħħal

nota ta’ qiegħ il-paġna biswit l-isem tal-pajjiż terz inkwistjoni, li tindika li l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża hija sospiża fir-rigward ta’ dak il-pajjiż terz u li tispeċifika l-perjodu ta’ dik is-sospensjoni. L-att delegat għandu jsir effettiv mid-data tal-iskadenza tal-att ***ta’ implimentazzjoni msemmi*** fl-Artikolu 8e(1).	nota ta’ qiegħ il-paġna biswit l-isem tal-pajjiż terz inkwistjoni, li tindika li l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża hija sospiża fir-rigward ta’ dak il-pajjiż terz u li tispeċifika l-perjodu ta’ dik is-sospensjoni. L-att delegat għandu jsir effettiv mid-data tal-iskadenza tal-att ***delegat imsemmi*** fl-Artikolu 8e(1).
	Or. en

Emenda 134
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8f – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-att delegat għandu jkun akkumpanjat minn Rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jiddeskrivi fid-dettall l-eżitu tad-djalogu mtejjeb mal-pajjiż terz ikkonċernat, il-miżuri adottati minn dak il-pajjiż terz u mill-Istati Membri kkonċernati, u r-raġunijiet biex jitqies li ma nstabx rimedju għaċ-ċirkostanzi li jwasslu għas-sospensjoni temporanja.
	Or. en